**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TMINJA U GĦOXRIN**
**28 ta' ĠUNJU, 2017**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, is-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**ASSENTI**

Ħadd ma kien assenti.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **28.1** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 28.1.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-sebgħa u għoxrin –il seduta. |
| | | |
| ***28.2*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA U TAL-KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ U TAS-SOTTO KUMITATI*** |
| | | |
| | | |
| 28.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 36. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 28.2.2 | | Ġew approvati l-minuti numru 28 tal-Kunsill Lokali żgħażagħ. |
| | | |
| 28.2.3 | | Ġew approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat kultura u turiżmu li saru fil-21 ta' Ġunju, 2017. |
| | | |
| ***28.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR*** |
| | | |
| 28.3.1 | | Ma kienx hemm minuti x'jiġu approvati. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***28.4*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 28.4.1 | | Is-Sindku qal li :<br>• fi Triq il-Kbira hemm bżonn li ssir bankina. – Il-Kunsill Joseph D'Amato qal li jekk issir bankina fejn qed jindika s-Sindku, t-triq tidjieq u tkun ta' ostaklu għall-vetturi. Il-Kunsillier David Abdilla ssuġġerixxa li jsir double yellow line minflok. Kien hemm qbil li ssir laqgħa fuq il-post.<br>• Biex Triq iċ-Ċombini fejn Willow Super Market ssir one way – Kien hemm qbil li tinġabar petizzjoni u issir talba lill-Transport Malta.<br>• Biex issir manutenzjoni estensiva fil-gallarija tal-uffiċju tal-Kunsill. – Kien hemm qbil li x-xogħol jiġi ordnat.<br>• Biex issir yellow bay bejn il-ħanut Miracle Foods u Sphynx minħabba li r-resident li hemm bejniethom ma jkunx jista jdaħħal xirja/pram fir-residenza tiegħu. Kien hemm qbil li ssir motor cycle bay.<br><br>F'Dan il-ħin daħal il-Kunsillier Kenneth Farrugia (ħin 18:30) |
| | | |
| | | |
| 28.4.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kellha talba minn residenti ta' Triq Dun Guzepp Zammit u Triq il-Haddiema biex tali toroq jingħalqu għat-traffiku fil-jiem taż-żewġ festi tar-raħal – il-Ġimgha, is-Sibt u l-Ħadd filgħaxijiet, għax qed ikunu ta' periklu għan-nies li jagħaddu bil-mixi minn dawn it-toroq.<br>Inressqu l-każ lill-pulizija biex Triq il-Ħaddiema mill-armerija sal-iskarpan. |
| | | |
| 28.4.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet petizzjoni minn residenti ta' Triq il-Kbira biex jiżdied parkeġġ fejn in-niċċa tal-Madonna li hemm fi Triq il-Fjuri k/m Triq il-Kbira. **Dok 1 mehmuż.**<br>Is-Sindku qal li l-kontenut tal-petizzjoni fejn intqal li s-Sindku qal lir-residenti biex jipparkjaw xorta, mhux veru.<br>Kien hemm qbil li jibqa kollox kif inhu. |
| | | |
| 28.4.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet draft ta' kuntratt li l-Greenpak lesta li tagħmel mal-Kunsill Lokali fuq bulky refuse li għandhom x'jaqsmu mal-WEEE. Dok mehmuż. Kien hemm qbil li jiġi ffirmat il-ftehim u l-proċess jibda fl-immedjat. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 28.4.5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv wriet stampa ta' kif ġejja tidher il-midalja li ser tingħata fiż-Żurrieq Half marathon ta' Novembru. Kien hemm qbil fuqha. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***28.5*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 28.5.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hemm bżonn li tintalab assigurazzjoni li Wied Fulija tibqa magħluqa u nitolbu x'ser isir minnha. |
| | | |
| 28.5.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li x-xogħol fis-sala tal-iskola tlesta. Imma issa jonqos lap top biex ikun jista jingħaqad mal-projector li inxtara.<br>Is-Sindku qal li nistgħu ngħidu lill-Ctronics biex jgħina jew nikruh mingħandu.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jonqos ukoll il-purtieri li fuq qbil li jkun hemm għajnuna mill-iskola. |
| | | |
| 28.5.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li ssir laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici u niddiskutu l-problemi tar-raħal. Wara din il-laqgħa ssuġġerixxa li l-Kunsill jibda jiltaqa wieħed wieħed ma kull membru parlamentari fuq il-5 Distrett u jiġu diskussi – il-miżbla ta' wied fulija, d-dar fi Vjal l-Indipendenza, toroq mhux urbani u dar tax-xjuħ/night shelter.<br>Kien hemm qbil li l-ewwel nibgħatu ittri ta' awguri u wara ssir l-istedina għal laqgħa. |
| | | |
| 28.5.4 | | Is-Sindku qal li hemm bżonn li tinkiteb ittra ta' awguri lill-President tar-Reġjun li reġgħa inħatar Sindku ta' Ħal Qormi.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 28.5.5 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hemm bżonn isir aktar dawl madwar il-Mitħna tax-Xarolla għax qed ikun hemm ċertu attivita' minn żgħażagħ li mhux qed ikunu diċenti.<br>Kien hemm qbil li jerġgħu jibdew jinxtelu is-search lights ta' fuq il-Mitħna u issir cctv. |
| | | |
| 28.5.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba minn persuna li tixtieq tagħmel kors/attivita' għat-tfal ta' bejn 0 u 4 snin.<br>Kien hemm qbil li tiġi offruta l-librerija u tinżamm Euro għal kull persuna li tinkiteb. |
| | | |
| ***28.6*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 28.6.1 | | Ma kienx hemm punti x'jitqajmu, f'dan il-punt. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| **28.7.1** | | ***Konfini Ħal Safi - Iż-Żurrieq*** |
| | | |
| 28.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email ta' stedina mill-Kunsill Lokali Ħal Safi biex jiġu diskussi xi punti fuq konfini. Kien hemm qbil li għal-laqgħa jkun preżenti l-Kunsillier Joseph D'Amato.<br><br>Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq ser ikun rappreżentat mis-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Joseph D'Amato. Kien hemm qbil ukoll li l-avukat tal-Kunsill ikun avżat b'din il-laqgħa.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ħareġ mis-seduta (ħin 19:10) |
| | | |
| | | |
| ***28.8*** | | ***Twessiegh ta' bankini fi Vjal Indipendenza u Triq in-Nigret*** |
| | | |
| 28.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba minn Kummissjoni għad-drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita', biex jitwessew il-bankini fi Vjal l-Indipendenza u Triq in-Nigret, biex persuni b'diżabilita' jkollhom aċċess bil-*wheelchair* fuq tali bankini.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tablet stima tal-bankina lill-Perit William Lewis u l-istima tax-xogħol laħqet is-somma ta' €48,425 għal Triq in-Nigret u €130,076 għal Vjal l-Indipendenza.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li jagħmel laqgħa mal-Perit biex ikun jaf l-istima f'hix tikkonsisti u jaraw jekk il-problemi tad-drenaġġ u tal-ilma u tal-garaxxijiet jibqgħux ta' inkonvenjent xorta għall-wheel chair. Kien hemm qbil li għal din il-laqgħa jkunu preżenti rappreżentanti tal-Kummissjoni. |
| | | |
| **28.9** | | ***Gabbani Festa tal-Madonna tal-Karmnu 2017*** |
| | | |
| 28.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet lista ta' gabbani li jridu permess biex jarmaw tul il-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Kien hemm qbil li jingħataw permess dawk il-gabbani li ilhom jarmaw u ma jiġux aċċettati gabbani ġodda. Kien hemm qbil li l-Kunsill Lokali ma jordnax is-servizz ta' warden jew pulizija extra għax ma kienx hemm progress meta kien hemm is-servizz tagħhom. Kien hemm qbil li jiġu mmarkati l-posti tal-gabbani mill-Kunsilliera Pierre Farrugia u David Abdilla flimkien ta' impjegata tal-Kunsill. |
| ***28.10*** | | ***Increment tal-Impjegati*** |
| | | |
| 28.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-approvazzjoni għall-increment li jmiss fis-salarju tal-impjegati Camilleri u Atanasio.<br>Kien hemm qbil li iż-żewġ impjegati jieħdu l-increment li jmiss. |

| | | |
|---|---|---|
| ***28.11*** | | ***Invit għall-parteċipazzjoni – Morġhou (Ċipru)*** |
| | | |
| 28.11.1 | | Is-Sindku qal li l-Belt ta' Morphou waslu f'taħdidiet finali u talab li jitla hu flmkien mal-Kunsillier David Abdilla għall-attivita' ta' din is-sena.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas għall-passaġġ tas-Sindku biss, peress li l-akkomodazzjoni ser tkun imħalsa minn Morphou. |
| | | |
| ***28.12*** | | ***Offerta għall-organizzazzjoni ta' korsijiet (ser ikun preżenti is-Sur Jean Carl Grech)*** |
| | | |
| 28.12.1 | | Is-Sur Jean Carl Grech qal li jixtieq jorganizza korsijiet biex issir reviżjoni tas-suġġetti tas-snin sekondarji.<br>Wara li joħorġu riżultati tal-O levels u jkunu jixtiequ jkomplu jieħdu korsijiet tar-reviżjoni. Minimu ta' studenti 4 u massimu ta' 10 studenti kull klassi. Is-suġġetti li ser joffru huma E Conomics, Maths, Accounts, Physics u Malti. |
| | | |
| ***28.13*** | | ***Offerta għall-organizzazzjoni ta' korsijiet tas-Sbuħija (ser tkun preżenti s-Sinjura Marthese Abela)*** |
| | | |
| 28.13.1 | | Is-Sinjura Marthes Abela mill-Kumpanija Franks, tkellmet mal-Kunsill li tixtieq torganizza korsijiet ta' sbuħija fiż-Żurrieq. Franks jipprovdi prodotti ta' sbuħija u makeup. Il-kors hu bla ħas u jkun ta' tul ta' satgħejn. Huma lesti li jagħti vouchers u prodotti żgħar bla ħlas. Kien hemm qbil li s-sezzjonijiet isiru, waħda 2 ta' Awwissu fil-għaxija u fil-5 ta' Awwissu filgħodu. |
| | | |
| ***28.14*** | | ***Ħofor tal-festa (ser ikun preżenti s-Segretarju tal-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria)*** |
| | | |
| 28.14.1 | | Is-Sur Alan Mamo – s-Segretarju tal-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria, kien preżenti biex jispjega l-item li kien tqajjem fis-seduta preċedenti fejn il-Kunsill iddiskuta ħofor fi Triq P P Pullicino. It-talbiet tal-ħofor isiru mir-residenti minħabba li l-Għaqda ma jistax jieħu ħsieb it-toroq kollha tar-raħal u jħalli f'idejn ir-residenti tal-akwati.<br>Is-Sur Mamo qal li l-ħofor li hemm mhux qedgħin proporzjonati, u ssuġġerew li jerġgħu jsiru 9 ħofor ġodda u jingħalqu dawk eżistenti. Dan sar fuq qbil ukoll ma' rappreżentant mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina li ser tuża l-istess ħofor.<br><br>Kien hemm qbil li ssir konferma mas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina biex ma jkunx hemm problemi wara. Il-persuna inkarigata mis-Soċjeta' hu is-Sur Johnny Tanti. Kien hemm qbil li jsir tali xogħol mill-għaqdiet stess.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li l-għaqdiet jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tal-ħofor u t-tappieri tagħhom ħalli ma jkunx hemm inkonvenjenza għar-residenti. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| ***28.10.1*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 28.15.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' **€35,504.77.**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Pierre Farrugia. |
| | | |
| ***28.16*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 28.16.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 26ta' Lulju, 2017 fis-6.15 ta' filgħaxija. |
| | | |

Konfermati, illum 26 ta' Lulju, 2017.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**